MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 6/1999/1

Joseph u Rita konjugi Grima .

vs

Francis sive Frank u Emanuela konjugi Rapa .

Il-Qorti ,

Rat l-avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhomx jiġu kkundannati minn din il-Qorti sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta' tmien mija u wieħed liri Maltin (Lm801) dovut minnkom lill-istess atturi bħala prezz ta' xogħol magħmul mill-attur Joseph Grima, fuq istruzzjonijiet u a benefiċċju tagħkom, tiġu kkundannati tħallsu l-istess ammont flimkien mal-interessi dovuti fuq l-istess somma mid-9 ta' Ottubru 1998 sad-data tal-effettiv pagament .

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Ottubru, 1998, kontra tagħkom; u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi :

1. Illi t-talba tal-atturi qed tiġi respinta stante li hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt in vista tal-fatt li l-ammont rikjest huwa bil-wisq esaġerat kif jirriżulta mill-annessi żewgġ dokumenti markati Dok A u Dok B li jispjegaw aħjar il-pożizzjoni ta' l-istess konvenuti .

B'riserva li jiġu preżentati eċċezzjonijiet ulterjuri .

Bl-ispejjeż kontra l-atturi li minn issa qed jiġu nġunti għas-subizzjoni .

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' April 2000 fejn innominat lill-A.I.C. Joseph Mizzi bħala perit tekniku f'din il-kawża .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku ppreżentata fis-16 ta' Novembru 2001 u maħlufa fil-5 ta' Diċembru 2003 .

Rat il-verbal tagħha tal-20 ta' Mejju 2004 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu il-ħlas ta' xogħol maghmul mill-attur f'dar li kienu qed jibnu l-konvenuti . Il-kontendenti mhumiex jaqblu dwar il-konsistenza proprja tax-xogħol imwettaq u l-kwantita' ta' materjal uzat. L-attur naqas li jipproduci l-ħaddiema tiegħu li kienu nkarigati biex iwettqu x-xogħol fil-fond tal-konvenuti, u li allura setgħu jispjegaw ahjar x'sar u ma sarx, u dana peress illi l-attur ftit li xejn kien ikun fuq il-lant tax-xogħol . Naqas ukoll li jippreżenta kont dettaljat spjegatttiv tax-xogħol involut, jew dokumenti oħra li setgħu

jindikaw kif wasal għas-somma mitluba f'dan l-Avviż . Infatti l-perit tekniku wara li sema' lill-partijiet u għamel aċċess fuq is-sit in kwistjoni, u fin-nuqqas ta' provi iżjed konkreti, wasal għall-konklużjoni illi l-ammont mitlub mill-atturi huwa esaġerat, u għal dak li sab, l-attur ma kienx ħaqqu aktar minn erba' mitt lira maltija (Lm400) [1] .

Billi din hija kwistjoni ta' natura teknika l-Qorti ma tistax ma toqgħodx fuq dak li ddeċieda l-espert minnha nominat u tikkonferma l-konklużjonijiet tiegħu f'dan ir-rigward .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tiddikjara illi l-ammont realment dovut mill-konvenuti lill-atturi fis-somma ta' erba' mitt lira maltija (Lm400), u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-istess somma lill-atturi .

L-ispejjeż tal-kawża, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, fejn filwaqt illi l-atturi ppretendew tmien mitt lira (Lm800), mentri l-konvenuti kienu disposti jħallsu mitejn lira biss, għandhom jiġu ssoportati indaqs bejn il-kontendenti .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Ara konkluzjonijiet peritali a fol. 21 tal-process .